# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar is-17 ta' Gunju 2024**

**Rik. Gur. Nru.: 150/2021 JPG**
**Kawza Numru : 27**

**PLP**
**Vs**
1. **MP**
2. **L-avukat Dottor Mario Caruana u PL Davina Sullivan mahtur bhala kuratur sabiex jirraprezenta l-interessi tal-assenti MP permezz ta' digriet datat 3 ta' Frar 2022**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' PLP datat a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. ***ILLI*** *r-rikorrenti u l-intimat nhar is-sitta (06) ta' Ottubru tas-sena elf disgha mija sitta u disghin (1996) gewwa l-Knisja ta' Burmarrad (Malta) u frott ta' dan iz-zwieg twieled JP nhar X, illum maggorenni;*

2. ***ILLI*** *l-hajja konjugali bejn il-partijiet tkissret irremedjabilment u giet reza imposibbli minhabba ragunijiet imputabbli lill-intimat fosthom servizzi, minacci, ingurji u agir abbuziv u ragunijiet gravi ulterjuri u sufficjenti fil-ligi ghall-otteniment tas-separazzjoni personali;*

3. ***ILLI*** *stante il-vjolenza u swat fuq il-persuna ta' l-attrici da parti ta' l-intimat, l-attrici flimkien ma binha kienu kostretti jitilqu mid-dar matrimonjali u jmorru jirrisjedu mal-genituri tal-attrici, mentri l-intimat baqa jokkupa d-dar matrimonjali ad eskluzjoni ta' familtu;*

4. ***ILLI*** *jidher illi matul il-lejl ta' 28 ta' Dicembru tas-sena 2020, l-intimat qabbad id-dar matrimonjali bin-nar li bhalissa qedgha taht inkjesta magisterjali u konsegwentement jidher li sparixxa, stante li ma jistax jinstab imkien nonostante hemm tfittxija ghalih;*

5. ***ILLI*** *sal-gurnata tal-lum nonostante hemm tfittxija ghalih mill-Puliziija Ezekuttiva kif ukoll appelli ghall-informazzjoni dwaru mill-mezzi tal-media, l-intimat qaghdu ma nstabx;*

6. ***ILLI*** *ghalhekk il-medjazzjoni bejn il-partijiet ma setghatx titkompla stante l-akkadut u ghaldaqstant ir-rikorrenti giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta' digiet datat 5 ta' Mejju li nghatat mill-Imhallef Onor. Abigail Lofaro LL.D fl-atti tal-Ittra Nru 1072/20VZ; (Digriet hawn anness u mmarkat bhala Dok A );*

7. ***ILLI*** *sal-gurnata tal-lum sfortuntament nonostante sensiela ta' rikori, fl-atti tal-Inkjesta Magisterjali, l-attrici u binha ghadhom minghajr access ghad-dar matrimonjali taghhom li ghadha bzonn diversi tiswijiet u dana minbarra ghandhom bzonn hwejjeg u affarijiet personali ohrajn li jinstabu msakkrin gewwa d-dar matrimonjali;*

8. ***ILLI*** *l-intimat flimkien ma binha jixtiequ jirritornaw ghall-hajja tan-normal fid-dar matrimonjali taghhom u jibdew hajja mill-gdid;*

*GHALDAQSTANT, jghid l-intimat ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

1. *Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi Pisani ghal-ragunijiet imputabbli unikament lill-intimat.*

2. *Tordna sabiex l-attrici tkun tista tirresjedi gewwa d-dar matrimonjali flimkien ma binha ad eskluzjoni ta' l-intimat.*

3. *Tordna sabiex id-dar matrimonjali tigi assenjata lill-attrici inkluz is-sehem indiviz tal-konvenut.*

4. *Tordna sabiex l-attrici tippercepixxi nofs il-flejjes ta' l-intimat li jinstabu depozitati l-Qorti permezz ta' Mandat ta' Sekwestru Referenza tal-Hlas 1010/10/2020.*

5. *Tordna sabiex l-attrici tippercepixxi nofs il-flejjes kollha ta' l-intimat li jistghu jigu skoperti fil-mori tal-kawza jekk ikun il-kaz.*

6. *Tordna sabiex l-attrici tippercepixxi nofs il-penzjoni tal-intimat u b'dan tordna d-dipartiment respettivi sabiex dawn jigi depozitati f'kont bankarju intestat f'isimha;*

7. *Tordna sabiex il-vettura li jinsab fil-pussess taghha ta' ghamla Dacia, Renault numru ta' registrazzjoni KBT 986 jigi intestat f'isimha esklusssivament b'dan illi hija tkun is-sid ta' l-insemmi vettura;*

8. *Tillikwida l-assi parafernali tar-rikorrenti u tassenja l-istess assi lir-rikorrenti;*

9. *Tillikwida l-kreditu favur ir-rikorrent u tordna lill-intimat sabiex ihallas tali kreditu hekk likwidat fi zmien perentorju li tistabilixxi din l-Onorabbli Qorti;*

10. *Tiddikjara li ghandha tigi tiddikjara xolta l-kommunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess kommunjoni u tapplika l-artikoli 48 sa 53 tal-Kodici Civili fil-konfront ta' l-intimat li m'ghandux jinghata l-ebda sehem*

*mill-akkwisti maghmula mill-attrici minn dik id-data li tistabilixxi din l-Onorabbli Qorti.*

**11.** *Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-istess komunjoni jigu maqsuma f' zewg porzjonijiet kif jigi stabbilit u ordnat minn din il-Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-attur u l-ohra lil konvenut, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.*

**12.** *Tordna sabiex l-intimat jkun unikament responsabbli ghall-kwalunkwe djun li sar unilateralment da parti tieghu specjalment dak il-djun li seta jsir inkonsapevolezza tal-attrici.*

**13.** *Tordna sabiex jekk ikun il-kaz li l-intimat ivversa xi flejjes formanti parti mill-kommunjoni ta' l-akkwisti lill-terzi persuni li jistghu jigi skoperti fil-mori tal-kawza, dawn ghandhom jerghu jigu ritornati lill-attrici, almenu s-sehem taghha.*

**14.** *Tapplika kontra l-intimat s-sanzjonijiet kontemplati fid-dispossizzjonijiet tal-Artikoli 38 et seq tal-Kodici Civili.*

**15.** *Tordna li kwalunkwe Beneficcji socjali ohrajn jigu percepti mill-attrici.*

**16.** *Tiddikjara illi bl-agir tieghu l-intimat ddekada minn kull dritt li jitlob manteniment minghand martu rikorrenti.*

**17.** *Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att ta' divizjoni relattiv u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.*

**18.** *Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra s-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti fir-Registru Pubbliku ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.*

*Salv kull ordni u disposizzjoni ohra li dina l-Onorabbli Qorti jidhridlha xierqa u opportuni.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri ta' medjazzjoni u mandat ta' sekwestru kontra l-konvenut, ingunt minn issa in subizzjoni.*

Rat ir-rapport tal-Perit Chris Grech u l-istima tad-dar matrimonjali,

Rat illi fl-udjenza tat-30 ta' Jannar 2023, Dr Caruana kuratur ghall-intimat, informa lil din il-Qorti illi minkejja l-isforzi tieghu sabiex jikkomunika mal-intimat ma rnexxielux jaghmel dan u ghaldaqstant ma ghandux provi x'jipproduci u irrimetta ruhu ghall-provi prodotti u stieden lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Rat illi fl-udjenza tat-30 ta' Jannar 2023, Dr Rachel Tua u ddikjarat illi m'ghandhiex trattazzjoni ulterjuri x'taghmel u irrimetiet ruhha ghall-provi prodotti.

Semghat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kaz;

**Ikkonsidrat:**

***L-attrici xehdet viva voce nhar l-4 ta' Lulju 2022 (vide fol 66A et seq)*** u spjegat illi hi u zewgha kienu gharajjes ghal hames snin u zewgha kien l-unika ragel li kellha f'hajjitha. Flimkien huma kellhom tifel, JP, li llum ghandu X sena. Xehdet illi hi qatt ma ndunat li zewgha kien ibaghti minn mard mentali, u minkejja dak kollu li ghaddiha minnu, hi xorta wahda baqghet thobbu. Spjegat illi tul l-gherusija, qatt ma kien hemm problem bejniethom, pero zewgha kien pjuttost pussessv izda qatt ma refa jdejh fuqha dak iz-zmien. Tishaq illi hi qatt ma ntebhet li kienet qieghda tigi kontrollata minnu. Illi sussegwentement kienu akkwistaw post flimkien il-Mosta qabel ma zzewgu, u dak iz-zmien hi kienet tahdem bhala *hairdresser.* Xehdet illi d-depozitu thallas minnhom it-tnejn, nofs-bin-nofs, u l-*loan* ukoll thallset nofs bin-nofs. Il-kontendenti zzewwgu fis-sena 1996 u binhom twieled fis-sena 1999.

Wara z-zwieg hi kien ikollha taghmel kull ma jghid zewgha, u peress li hi giet imrobbija f'ambjent fejn jekk zewghek jaghmilek xi haga m'ghandek tghid xejn, meta kien isawwatha qatt ma qalet b'xejn lil hadd, u kien biss meta telqet mid-dar f' Ottubru 2020

li spjegat lill-ġenituri tagħha dak li kienet għaddejja minnu. L-intimat ma kienx jagħtiha flus u kienet tipprova taħdem ftit biex ikollha l-flus biex tħallas l-insurance u tixtri biċċtejn ħwejjeġ u kien biss jagħtiha flus għall-ikel bl-eżatt. Lil binhom kien iħobbu ħafna pero fl-istess ħin, kif kien idaħħal l-iċken dubju f' moħħu, wieħed ma kienx ikun jaf ir-reazzjoni tiegħu x'ser tkun. Illi minkejja li kienet ilha taħsiba biex titlob is-seprazzjoni, hi kienet konxja li ma kellhiex biżżejjed flus biex isostni lit-tifel. Spjegat illi l-intimat kien ta' spiss jgħajjarha "imbeċċili", "inkapaċi", "injoranta" u "stupida".

Dak iż-żmien bil-kemm kienet taħdem għoxrin siegħa (20) fil-ġimgħa għaliex żewġha kien jippretendi illi kif jasal lura mix-xogħol isibha id-dar. Illi pero' dan kien ikun biżżejjed u l-ftit flus li kienet taqla, kienet taħbihom fil-gwardarobba, u ma kienitx tmisshom. Spjegat illi żewġha kien jara l-pornografija fuq il-komputer li kien hemm fil-kamra fuq il-bejt. Illi minħabba l-*mood swings* tiegħu, kien ikun hemm granet sħaħ fejn kien jingħalaq fil-kamra u ġurnata sħiħa ma tkunx tista tkellmu għaliex inkellha kien ifur għaliha. Kien hemm drabi fejn kien ikollha tmur tixtrilu ċ-ċikkulata bilfors. Illi meta kien ikun qiegħed jagħmel xi *maintenance* fid-dar kien ikollha toqgħod ħdejh titimgħu l-ikel jew il-frott waqt li jkun qiegħed jaħdem, u darba minnhom meta dehrlu li ma kienitx qiegħda tgħinu, qasam xkupa fuqha. Spjegat illi kienet tivvinta l-iskuzi biex ma tiltaqax ma' tal-familja biex ma jindunawx b'dan it-tbengil li kien ikollha.

Illi pero fis-sena 2020 binha JP kien qalilha kellha tagħżel bejnu u l-intimat il-għaliex is-sitwazzjoni id-dar ma kienetx aktar sapportabbli. Illi sussegwentemnt, kienu marru tal-appoġġ, u kienu kelmu kemm lilha u kif ukoll lit-tifel, u kien binha li għamililha ċara li hu ma riedx li jerggħu jirritornaw id-dar. Illi pero kif bdiet il-medjazzjoni, l-intimat ma riedx iċedi b'xejn u pretenda li jieħu kollox hu, u li binhom kellu jaħdem biex jgħajjex lill-attriċi. Illi kienet għamlet żmien tgħix mat-tifel għand il-ġenituri tagħha, iżda kellha titlaq minn hemm minħabba l-attegjament ta' oħtha.

Spjegat illi l-intimat kien spiċċa f'wheelchair wara li fl-2017 għamel attentat ta' suwiċidju. Kien fis-7 ta' Settembru tas-sena 2017, hi kienet marret sax-xogħol, filwaqt li l-intimat kien kiteb ittra fejn kien ħalla kollox għaliha. Meta rritornat lura d-dar, sabet din l-ittra, u x'ħin qratha, bdiet tgħajjat, ċemplet l-ommu u marru jfittxhuh lejn Ħad Dingli. Kien hemm persuna li marret m'ommu u bl-intervent tiegħu, sabu lil żewġha li spiċċa paraplegiku minn qgħaddu 'l isfel. Illi hi baqgħet miegħu kontinwament tant li

spiccat il-*carer* tieghu. Illi minn hemm tawh xi medicina gdida. Illi hi kienet gabet il-fondi biex tirranga d-dar, biex tkun accessibbli ghalih, **izda hu kien dahhalha go mohhu li ghamlet dan kollux biex takkwista il-flus bhala *carer***. Illi hi ma kellha l-ghajnuna ta' hadd, u l-genituri tieghu kienu jghidilulha illi gialdarba qieghda tithallas ghandha tkun hi li taghmel ix-xoghol necessarju kollha.

Wara tlett snin mill-attentat ta' suwicidju, darba minnhom kien ta xebha tant kbira, u dana ghax kellha bzonn tmur sal-isptar. Spjegat illi kien jirrabja meta kien jaraha hierga wahedha. Xehdet illi dakinhar li kiek mhux ghax gibdu binhom minn fuq il-*wheelchair*, kien jibqa' sa ma joqtolha. Ziedet illi anke meta kien fuq il-*wheelchair* kien baqa' jaghmel il-*weights*. Illi sussegwentement kien huha li kien avvicina avukata, u minn hemm ghamlet rapport mal-*Unit* tal-*Vjolenza Domestika* u anke l-*Health Centre* tal-Mosta.

**Illi sussegwentement, l-intimat beda jibghatilha sensiela ta' emails, izda imbaghad, fl-20 ta' Dicembru 2020, harab mid-dar u qabel harab, haraq id-dar matrimonjali. L-intimat ghadu 'missing' sal-gurnata tal-lum.**

***Christina Debono in rapprezentanza ta Agenzija Sapport Sezzjoni Vjolenza Domestika, prodotta nhar it-30 ta' Awwissu 2022, (vide fol 84 et seq)*** spjegat illi l-attrici ghamlet rapport lura fit-8 ta' Ottubru 2020. L-attrici kienet irrapurtat incident li sehh fil-5 ta' Ottubru 2020, fejn l-intimat kien qieghed jahdem id-dar, l-attrici kienet qieghda tipprepara li tmur l-isptar izda l-intimat qalilha li mhiex sejra u li trid tibqa' id-dar hdejh. L-attrici qaltilhom illi hi kienet baqghet tinsisti illi ghandha bzonn tmur l-isptar. L-attrici qaltilhom illi bhala konsegwenza tar-rifjut taghha, l-intimat qabad ghatu ta' kaxxa u ta daqqa fuq wiccha. Bl-impatt waqghet ukoll il-gagga tal-ghasfur mal-art, u l-attrici kellha tbengila fl-ghajnen tax-xellug. L-attrici qalet lis-social worker illi dakinhar kellha certifikat mediku, pero ma kienx f'idha. Barra dan l-incident, semmiet ukoll fuq kemm l-intimat kien possessiv u kif kellu kontroll shih fuqha. Spjegatilhom illi l-intimat ma kienx ihalliha tiltaqa' mal-hbieb, wisq anqas ma ommha, u minhabba f'hekk ma kellhiex hafna hbieb. Ziedet tghidilhom illi hi tibza li l-intimat jasal joqtolha jew iweggaha u kif hi qatt ma kellha pjan tisspera imma kienu ilhom zmien twil jorqdu separati ghaliex hi kienet tibza li mal-lejl setgha iweggaha jew anke joqtolha. Barra l-abbuz emozzjonali li l-attrici kienet qieghda tghaddi minnu, gharfithom b'zewg

incidenti t' natura fizika, fejn wiehed mill-incidenti kien jirrisali ghas-sena 2013. Illi f'dan l-incident kellha griehi fuq il-koxxa taghha. Qaltilhom ukoll illi fis-sena 2018, l-intimat prova jaghmel ukoll suwicidju.

Ix-xhud spjegat illi minn dak li qaltilhom l-attrici, l-intimat kien qabez sular u nofs u kien spicca f'*wheelchair*. L-attrici spjegatilhom illi l-intimat isofri minn *personality disorder*, u jiehu ukoll medicina u li huwa konsistenti. L-attrici qaltilhom illi hi ukoll il-carer tal-intimat u tahslu, u tghinu biex jaghmel l-affarijiet tieghu, izda hi finanzjarjament dipendenti fuqu.

L-attrici kienet ukoll fittxet l-ghajnuna ghal binha, minhabba l-incident li kien prezenti ghalih. Saru ukoll interventi mis-*social housing* peress li l-attrici kienet marret tghix mal-genituri taghha flimkien mal-minuri. Illi pero minhabba l-eta tal-genituri taghha, kienet saret applikazzjoni mal-*housing*.

Illi maz-zmien l-attrici bdiet tattendi ghat-terapija, bdiet ukoll fir-*retail,* u kien irnexxilha issib post fejn tirrisjedi. Illi wara li telqet mid-dar kien hemm allegazzjonijiet mill-intimat illi l-attrici kienet qieghda tipprova twaqqaf lill-intimat milli jara lit-tifel, u allega illi kienet qieghda tiehu xi flus mill-kont u li prova ukoll ipingi lill-attrici b'certu mod mal-familjari taghha. L-ahhar intervent mis-sezzjoni tal-Vjolenza Domestika kien fil-5 ta' Marzu 2021.

In *kontro-ezami, ix*-xhud tikkonferma illi l-attrici ma kienitx qieghda tahdem peress li kienet qieghda tiehu hsieb lill-intimat, u filfatt kienet anke qieghda tircievi l-beneficcju socjali ta' *carer* wara l-incident li sehha. Ix-xhud tikkonferma illi l-attrici kienet marret ghand is-sigurta socjali tinfurmahom li m ghadhiex il-*carer* tieghu u biex jitwaqqaf il-beneficcju socjali.

Ikkonfermat illi huma bhala servizz jaghmlu biss kuntatt mal-vittmi u ghalhekk qatt ma kien hemm kuntatt da parti taghhom mal-intimat. Ix-xhud spjegat illi lanqas ma jistghu jaghmlu *house visits*. (Vide Dok CD1) Ix-xhud ikkonfermat illi kienet saret komunikazzjoni mal-minuri bit-*telephone* fejn kien spjegalhom illi hu kien qieghed taht xokk, u li xtaq li jitkellem ma *psychologist* ghal ghajnuna u filfatt huma ddirgew lit-tifel ghal ghajnuna mehtiega.

***Johanna Bartolo in rapprezentanza tal-BOV Bank Malta plc prodotta nhar it-30 ta' Awwissu 2022 (vide fol 93 et seq)*** u spjegat illi f'isem l-intimat irrizultaw erba' kontijiet bankarji li ghadhom miftuhin (vide dok JB1-JB 4), zewg *loans* f'isem il-partijiet flimkien, li huma t-tnejn maghluqa, (vide dok JB5 u JB 6). Mistoqsija rigward mandat ta'sekwestru li saru fuq il-kont bankarju mal-bank, ix-xhud indikat illi ma saritx ricerki fir-rigward stante li l-ingunzjoni intalbet taghmel ricerki fuq il-kontijiet.

***Maria Foromosa prodotta nhar it-30 ta' Awwissu 2022 in rapprezentanza Dar Bjorn (vide fol 97 et seq)*** spjegat illi hi hija segretarja u tiehu hsieb il-*finances* tar-residenza, u esebit sensiela ta' dokumenti (Dok MF1A, MF1B,u MF1C). Xehdet illi kull sena huma jorganizza maratona gbir ta' fondi u **is-sinjuri kienu taw "sponsorship" fl-ammont ta' EUR 10,000**. Ziedet illi minn naha taghhom huma ma jaghmlux *due diligence* dwar il-provenjenza tal-fondi, pero' l-intimat kien xtaq li jircievi ghajnuna minghand Dar Bjorn u minkejja li huma ma jitolbu l-ebda pagament fuq l-ebda ghajnuna, l-intimat xorta wahda xtaq li jaghti *sponsorship*. Tikkonferma illi huma ma jaghmlu l-ebda verifiki fuq il-flus li kienu ircevew. Ix-xhud ikkonferma tilli l-korrispondenza mal-intimat saret permezz ta' *emails*, pero huma qatt ma iltaqghu mieghu, u kellhom ukoll *video* fejn deher l-intimat flimkien mal-genituri tieghu u li kien intwera fuq il-mezzi socjali. Ziedet tispjega illi meta ssir donazzjoni huma ma jaghmlu l-ebda domandi fuq l-istat tal-persuna, u jekk persuna hiex mizzewga jew le u li fil-kaz tas-sinjur dawn dahlu taht isem MP mill-kont bankarju tieghu.

***Lorraine Attard in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta Plc prodotta nhar it-30 ta' Awwissu 2022 (vide fol 115 et seq)*** u spjegat illi rrizulta kont savings, u credit card li ghalqet fl-4 ta' Jannar 2022 f'isem l-intimat. (vide dok LA 1 u LA 2). Mistoqsija jekk il-bank ikunx jaf b'transfers li sar minn Malta ghal kont tal-HSBC fl-esteru, din it-transazzjoni tkun tidher bhala entrata fuq l-istatement. Ix-xhud ikkonfermat illi hija ghandha biss access ghal informazzjoni dwar kontijiet bankarji mal-HSBC Bank Malta plc.

***L-attrici nhar l-24 ta' Ottubru 2022 prodotta viva voce quddiem din il-Qorti (vide fol 154 et seq)*** u b'referenza ghx-xhieda taghha rigward in-nar li kien haraq id-dar matrimonjali, esebiet sensiela ta' dokumentazzjoni u spjegat illi wara n-nirien kienet

sabet certu affarijiet id-dar, sabet file fejn l-intimat kien jibghat emails b'certu affarijiet. Ziedet illi filwaqt li l-laptop inharaq, il-karti fizici ma nharqux. Illi fl-emails li sabet, irrizultalha illi caqlaq xi flus u ta ghaxar t'elef donazzjoni lil Dar Bjorn mill-flus tal-komunjoni. Dak iz-zmien li saret id-donazzjoni l-intimat kien jahdem, u hu kellu kapital imwarrab. Tishaq illi tul iz-zwieg kienet dejjem hi li kienet thallas il-kontijiet. Spjegat illi l-intimat kien *technician* ma' *Xerox Company*. Izzid illi l-intimat kien jghidilha illi kif it-tifel jikber, it-tifel irrid jibda jfendi ghar-rasu u l-intimat kien jippretendi li t-tifel kellu jroddlu lura ta' dak kollu li kien ghamel mieghu f'hajtu u filfatt kien izomm rendikont tal-infieq li nefqu ghall-minuri. Ikkonfermat illi meta zewgha harab minn Malta, **fit-28 ta' Dicembru 2020.** Illum binhom ghandu tlieta u ghoxrin (23) sena, izda t-tifel ma kompliex jistudja u qieghed jahdem ma' Centrecom. Illi binha qieghed jiehu medicina u kien anke admitted Mount Carmel Hospital. Illi binha ghandu l-istess dianjosi bhal missier, u huwa *bipolar*.

Xehdet illi wara n-nirien sabet dan il-ktieb li jikkonsisti minn stqarrijiet maghmula mill-intimat fir-rigward membri tal-familja taghhom. (Vide Dok P1-P13)

***Saviour Theuma in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali prodott nhar it-8 ta' Novembru 2022 (vide fol 173 et seq)*** u esebixxa dokumentazzjoni relattiva ghall-beneficcji socjali percepiti mill-intimat (Vide Dok ST 1). Ikkonferma illi mill-informazzjoni misjuba id-dipartiment m'ghandux informazzjoni li l-intimat jinsab nieqes, u filfatt il-pagament ghadhom qieghdin jithallsu. Ix-xhud ikkonferma illi l-ahhar pagament li sar kien jirrisali ghal 5 ta' Novembru 2022. Ix-xhud spjega illi huwa m'ghandux informazzjoni jekk il-flus humiex jinhargu permezz ta'cekk jew b'permess ta'depozitu fil-kont bankarju indikat mill-intimat. Ix-xhud spjega illi cekk jispicca wara sentejn u ma jkunx jista' jigi renovat. Cekk wara sitt (6) xhur jista jigi re-dated pero wara sentejn jintilef kollox mill-persuna li f'isimha ikun intestat ic-cekk, sakemm ma jkunx hemm xi prokura. Ix-xhud ikkonferma illi l-istatus tal-intimat mad-dipartiment ghadu bhala "mizzewweg".

***Joanna Bartolo ri-prodotta nhar it- 8 ta' Novembru 2022 in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc, (vide fol 182 et seq)*** **u spjegat illi fir-rigward l-ammont ta' sebgha u erbghin elf u sebgha mitt euro (EUR 47,700) li ingibed nhar il-15 ta' Ottubru 2020,** dan ingibed bhala flus kontanti, u li l-persuna li gibdet dana l-ammont kien l-intimat.

Illi dawn il-flus ingibdu mill-kont 40020552077 minn *savings account* f'isem l-intimat, u **saret mill-intimat personalment**. Dana l-ammont ingibed bhala kontanti mill-bank direttament.

Mistoqsija jekk hemmx xi limitu impost mill-bank fuq l-ammont ta' kontanti li jistghu jingibdu, ix-xhud spjegat illi mhux fil-kompitu taghha, u li m'ghandhiex informazzjoni dwar mill-liema branch tal-BOV ingibdu.

***Dr Christopher Spiteri in rapprezentanza ta' Transport Malta, prodott nhar it- 8 ta' Novembru 2022 (vide fol 191 et seq)*** esebixxa dokumentazzjoni relattiva ghal vetturi intestati f'isem l-intimat kemm fil-prezent u anke dawk registrati fuq ismu fil-passat. (Vide Dok CS1-CS2).

***Doris Vella Cassia, in rapprezentanza tal-Isptar Mater Dei nhar il-11 ta' Jannar 2023 (vide fol  et seq)*** u esebiet il-file mediku tal-intimat. (Vide Dok DVC1)

***Giovanna Galea, omm l-attrici xehdet permezz ta'affidavit, (vide fol 198 et seq)*** u spjegat illi l-karattru tal-intimat qatt ma ghogobha, u mal-ewwel kienet indunat bil-karattru dittorjali tieghu. Illi kienet ukoll tinduna li binhom Justin, kien ikun bezghan hafna u kien ikun dejjem ghassa ta' missieru. Minkejja li bintha kienet izurha ta'spiss, kienet dejjem taghmel dan b'harba ghaliex dejjem kienet mohha li tirritorna id-dar, ghaliex kienet tibza hafna li l-intimat jghajjat maghha u ghadha sal-lum bniedma bezghana hafna. Tishaq illi kemm il-darba semghat lill-intimat jghajjar lil bintha stupida, u imbecilli u kien ikun kattiv ferm maghha. Bintha pero' qatt ma tkellmet xejn u hadd ma kien induna bis-sitwazzjoni. L-intimat ried anke jiehu hsieb wirt li kien ghaddha ghand zewgha flok binha, ghaliex skontu binha kien stupdiu, u sahansitra darba minnhom kien anke ser jerfa' jdejh fuq ix-xhud.

Tixhed illi l-intimat kien jahbilha l-karozza lil bintha, u meta l-intimat kien ghamel l-attentat ta' suwicidju, bintha ma kienitx gharfitha b'dan, izda qaltilha li l-intimat kien waqa' u wegga' u kienet qaltilha biex ma jersqux lejh. Kien biss wara sena u nofs li saru jafu b'kollox u huwa biss issa li indunat kemm kellu kontroll assolut fuq bintha. Illi fit- 8 ta' Ottubru tas-sena 2020 in-neputi Justin, iben bintha, kien cempel lil bintha l-ohra Angele u kien qalilha illi ser ikollhom jidhlu f'*shelter*, u hi kienet qaltilhom biex

imur ghandha. In-neputi kien spjegalha dak kollu li kien gara u minn x/iex kienet ghaddiet ommu. Bintha ghadha sal-lum ghaddejja minn trawma tant illi bil-lejl ma tkunx tista' torqod u il-hin kollu inkwetata. Illi f'Dicembru 2020 il-Pulizja kienu cemplu lil bintha illi d-dar matrimonjali kienet inharqet u wara ftit kienu gabu fuq l-ahbarijiet li l-intimat huwa meqjus bhala ragel nieqes, u li hadd ma jaf fejn qieghed jew fejn mar u jekk ghadux haj jew mejjet.

***Daniel Galea, missier l-attrici, xehed permezz ta'affidavit (vide fol 200 et seq)*** u ikkonferma dak kollu li spjegat martu fl-affidavit taghha.

***Joanna Bartolo in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc, nhar il-11 ta' Jannar 2023 (vide fol 194 et seq)*** u b'referenza ghall-informazzjoni mitluba minnha dwar il-cash withdrawal fl-ammont ta' EUR 47,000 u li sar nhar il-15 ta' Ottubru 2020, mistoqsija jekk hiex prassi normali tal-bank li persuna tigbed ammont konsiderevoli hekk u johodhom fi flus kontanti, ix-xhud spjegat illi kif diga xehdet fil-11 ta' Jannar 2023, l-AML restrictions li hemm in vigore illum huma differenti minn dawk ta' tlett (3) snin ilu, u l-intimat kien informa lil cashier illi il-flus kienu ser jittiehdu id-dar kif filfatt hemm indikat. Illi din ir-raguni giet accettata mill-bank, u l-intimat inghata l-flus liema flus inhargu minn kont li jghajjat lilu.

***Saviour Theuma in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali nhar il-11 ta' Jannar 2023*** esebixxa Dok STX1 u Dok STX2 u spjega illi fis-16 ta' Ottubru 2020, l-intimat kien informa lid-Dipartiment illi xtaq li jsir bdil fil-mod ta' kif isir pagament, b'dana illi minn direct credit fil-kont bankarju tieghu, il-hlasijiet jibdew isiru permezz ta'cheque minhabba li kien hemm sekwestru. Illi c-cekk jintbghat fl-indirizzi 21, Casa Roma, Flat 2, Triq ix-xitwa Mosta. Illi mid-dokumentazzjoni esebita jirrizulta illi c-cekkijiet mit-2 ta' Jannar 2021 sal-lum, ma gewx msarrfa.

***Joanna Bartolo in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc, nhar it-28 ta' Gunju 2023 (vide fol 209 et seqq),*** u regghet ikkonfermat ix-xhieda li kienet tat fil-11 ta' Jannar 2023.

**Ikkonsidrat:**

Din hija sentenza ta' separazzjoni personali wara talba maghmula mir-rikorrenti, li tikkontendi li l-htija ghat-tifrik taz-zwieg hija unikament imputabbli lill-intimat. Illi fir-rikors promotur l-attrici tindika illi l-intimat huwa unikament hati ghat-tifrik tz-zwieg taghhom minhabba sevizzi, eccessi, theddid, offizi gravi, vjolenza u swat.

Fir-rigward ta' eccessi intqal illi dawn huma:

> ***"tutti quegli atti di violenza che eccedono ogni misura e che possono mettere in pericolo la vita del coniuge".[1] Baudry Lacantinerie jghallem illi "Gli eccessi sono atti di violenza compiuti da uno dei coniugi verso l'altro e che possono porre in pericolo la salute e per fino la vita della vittima." [2]***

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Josephine Bonello pro et noe vs John Bonello*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Novembru 1999, u citata b'approvazzjoni minn din il-Qorti diversament presjeduta:

> ***"fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li r-raġel iċaħħad lil martu minn manteniment xieraq u jkun xħiħ magħha f`dan ir-rigward, b`mod li jwassalha biex tirrikorri għal għand il-familjari tagħha għall-flus jew għal stratagemmi bħal ma jidher li wettqet l-attriċi, jammonta għal eċċessi fis-sens tal-artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili".***

Fir-rigward ta' sevizzi imbaghad, dawn gew definiti bhala:

> ***"dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huma diretti, u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz, u avverzjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti."[3] Filfatt, Baudry Lacantinerie jghallem illi "Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi***

---

[1] Fadda giurisprudenza, Art. 150, Para. 214.
[2] Trattato teorica pratico di diritto civile delle persone Vol. IV, Para. 35.

[3] Giuseppa Agius vs Pacifico Agius deciza nhar l-10 ta' Dicembru 1951, Qorti tal-Appell.

***trattamenti, in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione".*[4] *Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961 intqal illi "Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jirrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."***

Jinsab ritenut illi:

> ***"…mhux kull nuqqas da parti ta' konjuġi versu l-konjuġġi l-ieħor jwassal għal sevizzi, minaċċi jew inġurja gravi fit-termini tal-Artikolu tal-Kodiċi ivili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, magħmula ripetutament u abitwalment, iweġġgħu u jferu lill-konjuġi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir waħda diffiċli u insapportabbli. Kif jinsab ritenut fil-ġurisprudenza patria: "Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. [PA Camilleri utrinque, 16 Marzu 1898]."***

Il-Qorti rat ukoll illi fis-sentenza fl-***ismijiet Emanuela sive Lilly Montebello vs John Mary sive Jimmy Montebello*** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016 intqal illi:

> ***"Dan il-komportament abitwali [b'referenza ghal vjolenza fizika u morali] da parti tal-intimat, li eventwalment wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet, jikkwalifika bhala 'sevizzi' fit-termini tal-Artikolu 40 talKodici Civili, stante li minhabba l-persistenza tieghu rrenda difficli hafna ghar-rikorrenti l-konvivenza matrimonjali. Minn barra dan, il-fatt li dan il-komportament tal-intimat kien beda jigi ezercitat sa mill-bidu tal-hajja konjugali fil-konfront tar-rikorrenti li***

[4] Trattato teorica pratico di diritto civile delle persone Vol. IV.

> ***minn naha taghha kienet tissaporti dan il-komportament ta' zewgha filwaqt li, minkejja dan l-agir abitwali ta' zewgha, kienet assumiet wahedha l-oneru tat-trobbija tat-tfal taghhom, jattira fil-konfront tal-intimat l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 [1] [a] [c] [d] tal-Kodici Civili."***

Fir-rigward tal-ingurji gravi, inghad fis-sentenza fl-ismijiet: ***Marthese Vella pro et noe vs George Vella*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 2003 illi:

> ***"l-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom."***

Il-Qorti rat illi fis-sentenza fl-ismijiet ***AB vs CB deciza fit-28 ta' Gunju 2018,*** din il-Qorti diversament presjeduta kienet qieset illi l-fatt illi ragel tar-rikorrenti kien ihalliha nieqsa mill-flus, u l-fatt illi hati ta' abbuz emozzjonali minhabba diversi offizi u nsulti da parti tieghu kontra martu, irrendieh hati ta' sevizzi u ingurji gravi fil-konfront ta' martu u li ghalhekk kellu jerfa r-responsabbilita primarja ghat-tifrik taz-zwieg.

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet izzewgu fis-6 ta' Ottubru 1996 gewwa l-Knisja ta' Burmarrad Malta, u minn dan iz-zwieg kellhom wild wiehed, JP li twieled nhar X, u llum huwa maggiorenni. Mill-provi in atti jidher illi l-partijiet izzewgu wara hames snin gherusija.

Illi mill-atti jidher illi mal-lejl tat-28 ta'Dicembru 2020, l-intimat allegatament ta n-nar lid-dar matrimonjali, u gheb. Illi mit-testimonjanza tal-attrici u l-familjari taghha, m'hemm l-ebda informazzjoni dwar dak li gara lill-intimat, illi pero' jirrizulta illi l-intimat ma jistax jinsab imkien minkejja li saret tfittxija ghalih. Illi dan l-akkadut huwa kien suggett ta' Iinkjesta Magisterjali. Illi minhabba dan kollu, il-medjazzjoni ma setghatx titkompla u l-attrici giet awtorizzata tiftah dawna l-proceduri.

***Htija Ghat-Tifkrik taz-Zwieg***

Illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qed titlob illi tigi pronunzjata s-separazzjoni personali tal-partijiet, ghal ragunijiet unikament imputabbli lil intimat.

Illi kif indikat sopra, l-abbli Kuraturi Deputati mahtura sabiex jirraprezentaw lill-intimat iddikjaraw illi minkejja sforzi sabiex jikkomunikaw mal-intimat, ma rnexxielhomx jaghmlu dan u ghaldaqstant ma kellhomx provi x'jipproducu u irrimettew ruhhom ghall-provi prodotti. Illi ghalhekk u in vista ta' dan il-fatt, din il-Qorti hija essenzjalment kostretta li taghti l-gudizzju taghha unikament abbazi tal-provi prodotti mill-attrici.

Wara li rat il-provi kollha esebiti, din il-Qorti waslet ghal konvinciment morali illi l-verzjoni tal-attrici hija wahda verosimili. Mix-xhieda tal-attrici jidher illi z-zwieg tal-partijiet kien zwieg karaterrizzat minn glied persistenti, ghajjat eccessiv, kliem dispreggattiv, u kontroll assolut da parti tal-intimat zewgha. Illi kien zwieg fejn l-attrici ma kellhiex ghazla ohra ghajr li tbaxxi rasha ghal dak kollu li jrid u/jew jghid l-intimat. Din il-Qorti semghet kif l-attrici kien ikollha tkun prezenti d-dar lesta tistenna lil zewgha malli jasal ghax-xoghol, tant illi kif xehdet omm l-attrici fl-affidavit taghha, bintha kienet dejjem tmur ghandha bil-harba ghaliex kienet dejjem tkun mohha fil-hin li ma jmurx jasal l-intimat lura mix-xoghol u ma jsibix id-dar. Din il-Qorti rat ukoll kif l-attrici kienet kwazi kwazi tahdem bil-mohbi tal-intimat u kien ikollha tahbi il-ftit paga li kienet taqla fil-gwardarobba, basta kien ikollha is-serhan tal-mohh li ghandha fuq xiex tistrieh gialdarba l-intimat zegwha kien jaghtiha biss ammont konsiderevolment minimu u li minn dana l-ammont kien jezigi illi l-attrici tghajjex familja u thallas il-kontijiet. Il-genituri tal-attrici ikkonfermaw illi l-intimat kien juza kliem dispreggativ fil-konfront tal-attrici anke fil-presenza taghhom, u li kien hemm okkazzjonijiet fejn din il-hruxija fi kliemu kienet anke indirizzata lejn hu l-attrici u f'okkazjoni ohra l-intimat kwazi hebb ghall-omm l-attrici.

Din il-Qorti rat illi kif appena l-attrici ghamlet il-kuragg biex tibda tmexxi bi proceduri legali ghas-separazzjoni minn ma'zewgha, l-intimat ghamel attentat ta' suwicidju u spicca paralizzat mill-qadd 'l isfel u minkejja kollox, l-attrici xorta wahda hadet hsieb il-kura u riabilitazzjoni tal-intimat. Il-hruxija tal-intimat pero' xorta wahda' baqghet tissokta u l-intimat kien krudili fid-diskors tieghu lejn martu u sahansitra kompla anke jkun fizikament vjolenti maghha. Illi din il-Qorti semghet lill-attrici tixhed fuq diversi

episodji fejn l-intimat kien isawwatha, izda fil-maggior parti tad-drabi hi ghazlet li tibqa' fommha siekta, kif anke spjegat omm l-attrici, li huma qatt ma ntebhu b'dak li kien qieghed jigri u kien biss wara it-trapass ta' zmien konsiderevoli li huma saru b'jafu b'dak kollu li ghaddiet minnu l-attrici.

Illi din il-Qorti rat illi l-intimat kien isofri minn kondizzjonijiet ta'sahha mentali izda dan ma jiggustifikax l-ghagir vjolenti tieghu versu martu. Illi din il-Qorti rat ukoll kif iben il-partijiet kien esposta ghal din il-vjolenza persistenti, u kif illum il-gurnata dana halla impatt negattiv fuq is-sahha mentali ta' binhom.  Din il-Qorti hija konvinta illi l-intimat dejjem naqas milli jaghti dak is-sapport lill-attrici, sapport li l-ligi stess tirrikjedi li konjugi jaghtu lil xulxin. Illi kif tixhed l-attrici, it-trobbija tal-ulied dejjem hadet hsiebha hi, b'dana illi rrizulta b'mod ampju illi l-intimat mhux biss naqas bhala konjugu imma anke bhala missier versu uliedu.

Illi l-imgieba pussessiv, diktatorjali u vjolenti tal-intimat tul iz-zwieg tieghu mal-attrici jirraprezenta ksur lampanti tad-doveri tal-intimat bhala ragel mizzeweg u d-doveri tieghu ta' missier versu ibnu. Ghalhekk tenut kont ta' dan kollu u tal-fatt illi intimat kien ihalli lill-attrici u l-familja taghhom nieqsa mill-flus, tafferma illi illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tfarrak unikament htija tal-imgieba ingurjuza u sevizzjevoli tal-intimat fil-konfront ta' martu r-rikorrenti u tan-nuqqasijiet serji minn naha tal-intimat fid-doveri legali tieghu bhala ragel mizzewweg u missier tal-familja

Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tqis illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tfarrak unikament htija tal-intimat a kawza ta' abbandun u minhabba sevizzi, u eccessi, kommessi mill-intimat kontra l-attrici, li rrendew il-hajja konjugali impossibli.

Fid-dawl tal-premess u tenut kont tal-konsiderazzjonijiet maghmula, din il-Qorti tirrileva li ma hemm l-ebda raġuni għaliex m'għandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat illi skont l-artikolu 51 tal-Kodici Civili:

> "***Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti***

***jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ,għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-dispożizzjonijiet ta'dak l-artikolu."***

Is-separazzjoni personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, skond id-dispozzijonijiet tal-Kodici Civili, iġibu magħhom, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront ta' dik il-parti misjuba ħatja għat-tifrik taz-zwieġ ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi. Fil-fehma ta' din il-Qorti, u tenut kont tal-provi kollha in atti, tqis illi l-vjolenza fizika, emozzjonali, u psikologika ipperpetrata mill-intimat kontra l-attrici issarfu fi ksur serju tal-obbligi tieghu bhala persuna mizzewga ai termini tal-artikolu 2 tal-Kodici Civili u huma tali li jattiraw l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 u tal-Artikolu 51 sa 55 tal-Kodici Civili, u ghalhekk qed jigu applikati pjenament l-effetti tal-imsemmija dispozizzjonijiet tal-Kodici Civili.

***Komunjoni tal-Akkwisti:***

Illi din il-Qorti tosserva illi l-attrici intavolat Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju bin-numru 165/2020 fl-ismijiet PLP vs MP nhar it-13 ta' Ottubru 2020 fejn indikat l-ammont ta' EUR 80,000 bhala sorte.

***Kontijiet bankarji***

Illi mill-provi proditti mir-rapprezentanti tal-banek jidher illi l-intimat ghandu erba' (4) kontijiet bankarji intestati f'ismu mal-bank kummercjali BOV Bank Malta, filwaqt li jirrizulta illi ma hemm l-ebda kontijiet li huma intestati fuq isem l-attrici, jew kontijiet kongunti f'isem il-konjugi.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-intimat, ftit qabel in-nirien li hakmu d-dar matrimonjali u ftit qabel ma harab minn dawn il-gzejjer, attwa donazzjoni fl-ammont ta' ghaxart elef Ewro (EUR 10,000) lil Dar Bjorn. Illi mix-xhieda tar-rapprezentant ta'

Dar Bjorn, jidher illi l-intimat kien ghamel uzu mis-servizzi ta' din l-istituzzjoni, u minkejja li l-istess intimat ma kienx obligat li jivversa l-ebda pagament, huwa kien ta sponsorship fl-ammont ta' ghaxart elef Ewro (EUR 10,000) lill-imsemmija istituzzjoni. Il-Qorti tosserva illi l-intimat kien ikkorisponda ma' Dar Bjorn f'Settembru 2020 u dana kif jirrizulta mill-email immarkata bhala Dok MF1a u t-transazzjoni saret fl-20 ta' Settembru 2020 kif jirrizulta mill-email mibghuta mill-intimat.

Illi filwaqt li f'cirkostanzi ordinarji tali gest ghandu biss jigi mfahhar, din il-Qorti tqis illi din kienet biss manuvra da parti tal-intimat sabiex ikompli jcahhad lill-attrici minn dak spettanti lilha mill-komunjoni tal-akkwisti hekk kif iz-zwieg taghhom kien diga' qieghed f'qaghda kritika. Illi l-istess jinghad ghall-gbid tal-ammont ferm akbar ta' seba' u erbghin elf u seba' mitt ewro (EUR 47,700) minn *savings account* bin-numru 40020552077 intestat f'isem l-intimat mal-bank kummercjali BOV Bank Malta plc fil-15 ta' Ottubru 2020, circa xaghrejn qabel ma gheb l-intimat u qabel li d-dar matrimonjali inhakmet minn nirien. Din il-Qorti tosserva illi fis-16 ta' Ottubru 2020 kienet ukoll dahlet rikjesta da parti tal-intimat mad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali sabiex il-pensjoni tad-dizabbilita' tal-intimat flok ma' tigi depozitata fil-kont bankarju tal-intimat, tintbaght lilu permezz ta' cekk u dana minhabba sekwestru li kien hemm kontra l-intimat. Illi hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qort illi dawn il-fatti mhumiex koincidenzi, izda manuvri deliberati da parti tal-intimat sabiex icahhad lill-attrici minn sehmha mill-komunjoni tal-akkwisti.

Dawn iz-zewg transazzjonijiet jirrizultaw mid-dokument mmarkat JB4 a fol 158. Mill-kont bin-numru 40020552077. Illi il-Qorti tosserva illi fl-imsemmi kont kien hemm depoziti konsiderevoli minn possibbilment xi investimenti, jew bonds jew stocks kif jirrizulta mill-statement of account. Il-Qorti tosserva illi l-bilanc f' Mejju tas-sena 2020 kien fl-ammont ta' hamsa u sittin elf, tmien mija u erbgha u sittin ewro, u tlieta u sebghin centezmu (EUR 65, 864.73) u izda il-bilanc tal-imsemmi kont f'Awwissu tas-sena 2022 kien wiehed nominali.

Illi ghalhekk din il-Qorti tqis illi l-attrici hija dovuta nofs l-ammonti sborsati mill-intimat, u cioe:

- Nofs l-ammont moghti b'donazzjoni lil Dar Bjorn u cioe EUR 5000 [EUR 10,000/2]
- Nofs l-ammont migbud mill-Bank of Valletta u cioe EUR 23,850 [EUR 47,700/2]
- Nofs il-bilanc rimanenti fil-kont tal-intimat tal-Bank of Valletta bin-numru 40020552077 u cioe EUR 32, 932.37 [EUR 65,864.73/2]
- **Total ta' Sehem l-attrici: EUR 61,782.37**

Illi din il-Qorti tordna illi dana l-ammont ghandu jigi percepiet mill-attrici mill-flejjes depozitati taht l-awtorita ta' din il-Qorti wara l-mandat ta'sekwestru kawtelatorju su-indikat. Illi fl-eventwalita' li l-flejjes depozitati mhumiex sufficjenti din il-Qorti sejra tipprovdi ulterjorment kif gej.

***Id-Dar Matrimonjali:***

Illi mill-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor C Martinelli datat 5 ta' Marzu 1994, a fol 55 et seq, jidher illi id-dar matrimonjali 21 Casa Roma Flat 2 Triq ix-Xitwa Mosta giet akkwistata il-partijiet b'mod kongunt. Illi pero' mix-xhieda tal-attrici u tal-familjari taghha, jirrizulta illi d-dar matrimonjali giet mahkuma minn nirien nhar l-20 ta' Dicembru tas-sena 2020. Illi wara dan l-incident, l-intimat gheb.

Illi din il-Qorti rat ir-rapport tal-Perit Chris Grech datat 16 ta' Marzu 2024 *a fol 222 et seqq. tal-atti*., fejn wara inspezzjoni tal-istess proprjeta' attribwixxa lill-imsemmija prorjeta b' valur ta' tlett mija u hamsa u ghoxrin elf Ewro (EUR 325,000) liema stima giet accettata mill-Kuratur Deputat ghall-assenti intimat (*vide Fol 236).*

Illi fic-cirkostanzi, din il-Qorti tordna illi l-attrici flimkien ma' iben il-partijiet ghandhom jirrisjedu fl-imsemmija dar matrimonjali ad esklusjoni tal-intimat. Illi fl-eventwalita' remota li l-intimat jirritorna Malta, din il-Qorti tordna illi l-imsemmija propjeta' ghandha tinbiegh fuq is-suq hieles fi zmien tliet (3) snin mir-ritorn tal-imsemmi intimat.

Illi din il-Qorti tordna illi sehem l-intimat mill-bejgh tad-dar matrimonjali huwa nofs il-prezz li bih tinbiegh id-dar. Minn sehem l-intimat imbghad irid jitnaqqas l-ispejjez ta' tiswijiet necessarji esegwiti mill-attrici in segwitu tan-nirien nar li hakmu l-istess dar matrimonjali.

Illi di piu din il-Qorti tordna illi fl-eventwalita' li l-flejjes depozitati il-Qorti wara l-intavolar tal-mandat ta'sekwestru kawtelatorju citat sopra, mhumiex sufficjenti sabiex ikopru l-ammont dovut lill-attrici indikat iktar 'il fuq u cioe' wiehed u sittin elf, seba' mija tnejn u tmenin ewro u seba' u tletin centezmu (EUR 61,782.37), il-Qorti tordna illi il-bilanc jew l-ammont fl-intier tieghu spettanti lill-attrici bhala sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti, ghandu jigi percepiet minn sehem l-intimat mill-bejgh tad-dar matrimonjali.

***Vetturi***

Illi mix-xhieda tar-rapprezentanti ta' Transport Malta u cioe dik ta' Dr Christopher Spiteri li xehed nhar it- 8 ta' Novembru 2022 (vide fol 191 et seq) u mid-dokument immarkat Dok CS1 a fol 164 tal-atti jirrizulta illi fil-prezent hemm zewg vetturi li huma registrati fuq isem l-intimat: Dacia Sandero bit-targa KBT 986 u Renault Captur bit-targa HBV 761, b'dana l-Peugeout 106 bit-targa AAI 862 ilha "scrapped" mill-2015.

Fir-rigward tal-vettura Dacia Sandero jidher illi l-licenzja kienet valida sat-30 ta' Novembru 2022 u jirrizulta illi hemm EUR 81.65 f' multi x'jithalsu. Illi fir-rigward tal-vettura Renault Captur jidher ill l-licenzja kienet valida sat-31 ta' Awwissu 2021 u ma jirrizultax illi hemm multi dovuti fuq l-imsemmija vetturi.

Illi din il-Qorti rat illi fir-rikors promotur l-attrici talbet illi l-vettura bit-targa KBT 986 u tal-ghamla Dacia Sandero li jidher li qieghda fil-pussess tal-attrici tigi assenjata lilha b'dana illi l-attrici tkun is-sid esklussiv tal-imsemmija vettura. Illi fic-cirkostanzi din il-Qorti tassenja l-vettura Dacia Sandero lill-attrici b'dana illi l-attrici tkun unikament responsabbli ghal kwalsiasi multi pendenti u ghat-tigdid tal-licenzja u assigurazzjoni tal-imsemmija vettura. Illi l-Qorti tassenja l-vettura l-ohra u cioe il-vettura bit-targa HBV 761 tal-ghamla Renault Captur lill-intimat b'dana illi l-intimat ikun unikament responsabbli ghal kwalsiasi multi pendenti u ghat-tigdid tal-liczenja u assigurazzjoni

tal-imsemmija vettura. F'kaz li fi zmien sitt xhur mid-data ta' din is-sentenza, l-intimat ma jiehux pussess ta' din il-vettura, l-istess vettura ghandha tghaddi fil-pussess ta' iben il-kontendenti illum maggjorenni.

***Pensjoni:***

Illi fir-rikors promotur l-attrici titlob illi tippercepixxi nofs il-penzjoni tal-intimat u b'dana illi d-dipartimenti rispettivi jigu ordnati jiddepozitaw nofs dana l-ammont f'kont bankarju intestat f'isem l-attrici. Illi mix-xhieda tar-rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali jidher illi minkejja li c-cekkijiet mhumiex qieghdin jissarfu mill-intimat, ic-cekk xorta wahda qieghed jinhareg mid-Dipartimenti relattivi.

Illi tul il-mori tal-proceduri din il-Qorti kellha l-opportunita' li tisma t-testimonjanza tal-attrici, fejn spjegat illi hi kienet essenzjalment tahdem bil-mohbi tal-intimat ftit sieghat fil-gimgha, basta kien ikollha xi haga mwarrba ghaliex l-intimat kien ihalliha nieqsa mill-flus u minkejja dak kollu li ghaddiha minnu l-intimat, l-attrici dejjem ghamlet dak kollu li setghat ghal zewgha li spicca paralizzat minn qaddu wara l-attentat ta' suwicidju. Illi fic-cirkostanzi, u tenut kont tal-konsiderazzjonijiet maghmula sopra din il-Qorti tordna illi l-attrici ghandha tippercepixxi nofs il-pensjoni tal-intimat, flimkien ma' nofs il-beneficcji kollha percepiti mill-intimat, u tordna lid-Dipartimenti relattivi sabiex nofs l-ammont dovut bhala beneficcji lill-intimat jithallas lill-attrici u jigi depozitat f' kont bankarju indikat mill-attrici ghal dana l-iskop sakemm l-imsemmija beneficcju jibqghu jkunu pagabbli lill-intimat.

***Djun:***

Mill-provi in atti ma jirrizultax illi hemm xi djun li jghabbu l-komunjoni tal-akkwisti. Maghdud ma' dan u ghal kull buon fini, din il-Qorti tordna illi fl-eventwalita' li l-intimat assuma xi obbligi jew kkontratta xi djun ma' terzi, l-intimat huwa unikament responsabbli ghall-kwalsiasi dejn li sar unilateralment da parti tieghu ad insaputa tal-attrici.

***Investimenti:***

Fl-analizi taghha, fl-istatement of accounts esebiti mir-rapprezentanti tal-banek rispettivi, din il-Qorti osservat illi l-intimat kellu diversi investimenti. Illi ghal kull buon fini din il-Qorti tordna illi fl-eventwalita' li dawn l-invetsimenti ta' kwalsiasi forma ghadhom operattivi fuq is-suq rispettiv, nofs l-investimenti u nofs id-dhul minn dawn l-investimenti ghandu jinghata lill-attrici.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-intimat; u tawtorizza lill-attrici sabiex tghix separatament minn ma' zewgha u tawtorizza taghmel l-atti kollha tal-hajja civili minghajr il-kunsens, intervent u/jew awtorizzazzjoni tal-konvenut nomine;**

2. **Tilqa' it-tieni talba u tordna illi l-attrici tirrisjedi, flimkien ma' iben il-partijiet, fid-dar matrimonjali u dan ad esklusjoni tal-intimat;**

3. **Tichad limitatament it-tielet talba u tordna illi filwaqt li l-attrici flimkien ma' iben il-partijiet ghandhom jirrisjedu fl-imsemmija dar matrimonjali ad esklusjoni tal-intimat, fl-eventwalita' li l-intimat jirritorna Malta, il-Qorti tordna illi l-imsemmija propjeta' ghandha tinbiegh fuq is-suq hieles fi zmien tliet (3) snin mir-ritorn tal-imsemmi intimat, b'dana illi r-rikavat minn dan il-bejgh ghandu jigi diviz ugwalment bejn il-partijiet. Minn sehem l-intimat minn dan il-bejgh tad-dar matrimonjali imbghad irid jitnaqqas l-ispejjez ta' tiswijiet necessarji esegwiti mill-attrici in segwitu tan-nirien nar li hakmu l-istess dar matrimonjali. Illi di piu din il-Qorti tordna illi fl-eventwalita' li l-flejjes depozitati il-Qorti wara l-intavolar tal-mandat ta'sekwestru kawtelatorju citat sopra, mhumiex sufficjenti sabiex ikopru l-ammont dovut lill-attrici indikat iktar 'il fuq u cioe' wiehed u sittin elf, seba' mija tnejn u tmenin ewro u seba' u tletin centezmu (EUR 61,782.37), il-Qorti tordna illi il-bilanc jew l-ammont fl-intier tieghu spettanti lill-attrici bhala sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti, ghandu jigi percepiet minn sehem l-intimat mill-bejgh tad-dar matrimonjali.**

4. **Tilqa' r-raba talba u tordna illi sehem l-attrici mill-komunjoni tal-akkwisti fl-ammont ta' EUR 61,782.37 ghandu jigi percepiet mill-attrici mill-flejjes depozitati taht l-awtorita ta' din il-Qorti wara l-mandat ta'sekwestru kawtelatorju su-indikat.**

5. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba stante li din giet indirzzata sopra u kif segwenti;**

6. **Tilqa' is-sitt talba u tordna illi l-attrici ghandha tippercepixxi nofs il-pensjoni, flimkien ma' nofs il-beneficcji kollha percepiti mill-intimat, u tordna lid-Dipartimenti relattivi sabiex nofs l-ammont dovut bhala beneficcji lill-intimat jithallas lill-attrici u jigi depozitat f' kont bankarju indikat mill-attrici ghal dana l-iskop sakemm l-imsemmija beneficcju jibqghu jkunu pagabbli lill-intimat.**

7. **Tilqa' s-seba' talba u tordna u tassenja illi l-vettura bit-targa KBT 986 u tal-ghamla Dacia Sandero lilll-attrici b'dana illi l-attrici tkun is-sid esklussiv tal-imsemmija vettura u tkun unikament responsabbli ghal kwalsiasi multi pendenti u ghat-tigdid tal-licenzja u assigurazzjoni tal-imsemmija vettura.**

8. **Tilqa' t-tmien talba u tordna illi fl-eventwalita' li hemm assi parafernali u/jew dotali, ghandhom jigu restitwiti lil dik il-parti li jkunu jappartjenu, b'dana illi din il-Qorti sejra tordna liz-zewg partijiet sabiex jikkonsenjaw lil l-parti l-ohra kwalunkwe oggetti mobbli jew imobbli parafernali u/jew dotali li jinsabu fil-pussess taghhom lil dik il-parti u dan fi zmien tlett gimghat mid-data ta' din is-sentenza.**

9. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tad-disa' talba stante li din giet indirizzata;**

10. **Tilqa' l-ghaxar talba u tordna illi jigu applikati pjenament kontra l-intimat l-effetti tal-Artikolu 48 u 51 sa 55 tal-Kodici Civili u tordna d-dekadenza tal-intimat mill-jeddijiet konjugali hekk kif mahsub fl-istess artikoli;**

11. **Tilqa' l-hdax - il talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida u tiddividi l-komunjoni tal-akkwisti bis-**

**segwenti mod;**

i. **Illi fl-eventwalita' li hemm assi parafernali u/jew dotali, ghandhom jigu restitwiti lil dik il-parti li jkunu jappartjenu, b'dana illi din il-Qorti sejra tordna liz-zewg partijiet sabiex jikkonsenjaw lil l-parti l-ohra kwalunkwe oggetti mobbli jew imobbli parafernali u/jew dotali li jinsabu fil-pussess taghhom lil dik il-parti u dan fi zmien tlett gimghat mid-data ta' din is-sentenza;**

ii. **Rigward kontijiet bankarji, din il-Qorti sejra:**

   a. **Illi l-kontijiet bankarji intestati f'isem l-intimat qieghdin jigu assenjati lill-istess intimat. Mill-provi ma rrizultaw ebda kontijiet bankarji f'isem l-attrici.**

   b. **Illi din il-Qorti tordna illi kwalsiasi obbligazzjoni u/jew dejn illi kull wahda mill-partijiet jista' talvolta jkun assuma, dina l-obbligazzjoni u/jew dejn ghandha tkun responsabbilta' esklussiva ta' dik il-parti li jkun assumiha.**

iii. **Illi fir-rigward il-vetturi, din il-Qorti tassenja l-vettura Dacia Sandero lill-attrici b'dana illi l-attrici tkun unikament responsabbli ghal kwalsiasi multi pendenti u ghat-tigdid tal-licenzja u assigurazzjoni tal-imsemmija vettura. Illi l-Qorti tassenja l-vettura l-ohra u cioe il-vettura bit-targa HBV 761 tal-ghamla Renault Captur lill-intimat b'dana illi l-intimat ikun unikament responsabbli ghal kwalsiasi multi pendenti u ghat-tigdid tal-liczenja u assigurazzjoni tal-imsemmija vettura. F'kaz li fi zmien sitt xhur mid-data ta' din is-sentenza, l-intimat ma jiehux pussess ta' din il-vettura, l-istess vettura ghandha tghaddi fil-pussess ta' iben**

**il-kontendenti illum maggjorenni.**

iv. **Fir-rigward tad-dar matrimonjali, kif indikat sopra, din il-Qorti tordna illi l-attrici flimkien ma' iben il-partijiet ghandhom jirrisjedu fl-imsemmija dar matrimonjali ad esklusjoni tal-intimat. Illi fl-eventwalita' li l-intimat jirritorna din il-Qorti tordna illi l-imsemmija propjeta' ghandha tinbiegh fuq is-suq hieles fi zmien tliet (3) snin mir-ritorn tal-imsemmi intimat. Illi din il-Qorti tordna illi sehem l-intimat mill-bejgh tad-dar matrimonjali huwa nofs il-prezz li bih tinbiegh id-dar. Minn sehem l-intimat imbghad irid jitnaqqas l-ispejjez ta' tiswijiet necessarji esegwiti mill-attrici in segwitu tan-nirien nar li hakmu l-istess dar matrimonjali. Illi di piu din il-Qorti tordna illi fl-eventwalita' li l-flejjes depozitati il-Qorti wara l-intavolar tal-mandat ta'sekwestru kawtelatorju citat sopra, mhumiex sufficjenti sabiex ikopru l-ammont dovut lill-attrici indikat iktar 'il fuq u cioe' wiehed u sittin elf, seba' mija tnejn u tmenin ewro u seba' u tletin centezmu (EUR 61,782.37), il-Qorti tordna illi il-bilanc jew l-ammont fl-intier tieghu spettanti lill-attrici bhala sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti, ghandu jigi percepiet minn sehem l-intimat mill-bejgh tad-dar matrimonjali**.

12. **Tilqa' t-tnax- il talba u tordna illi kwalsiasi obbligazzjoni u/jew dejn illi l-intimat jista' talvolta jkun assuma ad insaputa tal-attrici, dina l-obbligazzjoni u/jew dejn ghandha tkun responsabbilta' esklussiva tal-intimat;**
13. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tlettax- il talba stante li din giet diga indirizzata;**
14. **Tilqa' l-erbatax- il talba u tapplika kontra l-intimat s-sanzjonijiet kontemplati fid-dispossizzjonijiet tal-Artikoli 38 et seq tal-Kodici Civili.**
15. **Tilqa' l-hmistax–il talba u tordna li kwalunkwe Beneficcji socjali ohrajn jigu percepti mill-attrici.**
16. **Tilqa' s-sittax- il talba u tiddikjara illi bl-agir tieghu l-intimat ddekada minn kull dritt li jitlob manteniment minghand martu rikkorrenti.**

17. **Tilqa's-sbatax il-talba u tinnomina Nutar Pubbliku Lisa Schembri bhala Nutar sabiex jircievi l-att ta' divizjoni jew bejgh relattiv u Dr Stafano Filletti bhala kuratur sabiex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.**
18. **Tilqa' t-tmintax- il talba u tawtorizza lill-attrici tirregistra din is-sentenza fir-Registru Pubbliku.**

**Spejjes a karigu tal-intimat izda jithallsu provvizorjament mill-attrici.**

**Moqrija**

**Mhallef  Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**